MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 171/2004

**Attard Tipped Tools Limited**

**vs**

**Fithome Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta’ Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti bejgh ta’ magna “edge bender” mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez legali inkluz dawk tal-ittra legali u bl-imghax kummercjali mid-data tal-bejgh sad-data tal-eventwali hlas kontra s-socjeta konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikati, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-bejgh sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------